



Brussell, 30 ta' Settembru 2022
(OR. en)

12575/22

Fajls Interistituzzjonali:
2022/0252(NLE)
2022/0253(NLE)

LIMITE

ASIE 72	TELECOM 373
COASI 149	RECH 500
CONOP 87	CLIMA 454
COTER 222	ENER 452
POLCOM 116	TRANS 582
SUSTDEV 158	TOUR 64
PI 118	EDUC 318
GENDER 148	CULT 98
JAI 1201	ENV 891
MIGR 261	POLMAR 56
COHAFA 85	SAN 520
COHOM 109	AGRI 453
CODRO 7	EMPL 343
COMPET 718	STATIS 42

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2)/Kunsill
Nru dok. Cion:	11898/22 + ADD 1, 11896/22 + ADD 1
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim Qafas ta' Sħubija u Kooperazzjoni Komprensivi bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Renju tat-Tajlandja, min-naħa l-oħra - Adozzjoni Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea tal-Ftehim Qafas ta' Sħubija u Kooperazzjoni Komprensivi bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Renju tat-Tajlandja, min-naħa l-oħra - Talba għall-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew

1. Fil-25 ta' Novembru 2004, il-Kunsill awtorizza negozjati għal Ftehim Qafas ta' Sħubija u Kooperazzjoni mar-Renju tat-Tajlandja (14844/04 DCL 1).

2. Fis-7 ta' Novembru 2013, il-Grupp ta' Ħidma dwar l-Asja u l-Oċeanja (COASI) ġie infurmat li l-Ftehim Qafas ta' Sħubija u Kooperazzjoni Komprensivi bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Renju tat-Tajlandja, min-naħa l-oħra, kien ġie inizjalat min-negozjaturi ewlenin għall-UE u għat-Tajlandja.
3. Fit-23 ta' Ġunju 2014, il-Kunsill appella lit-tmexxija militari Tajlandiża biex terġa' tistabbilixxi l-proċess demokratiku permezz ta' elezzjonijiet kredibbli u inklużivi. Huwa kkonkluda li l-UE u l-Istati Membri tagħha ma kinux ser jiffirmaw il-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni qabel ma jkun hemm gvern elett b'mod demokratiku (11022/14).
4. Wara l-elezzjonijiet ġenerali, il-kostituzzjoni ta' parlament pluralistiku u l-formazzjoni ta' gvern elett, il-Kunsill qies li huwa xieraq li jħejji għall-iffirmar tal-Ftehim ta' Sħubija u Kooperazzjoni (12909/1/19 REV1) fl-14 ta' Ottubru 2019. In-negozjati mat-Tajlandja għal verżjoni aġġornata tal-ftehim tnedew fl-2020. Fl-14 ta' Lulju 2022, is-SEAE ppreżenta l-eżitu ta' dawn in-negozjati lill-COASI (WK 5096/20 REV3).
5. Fl-24 ta' Awwissu 2022, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, fisem l-Unjoni Ewropea, u l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim Qafas ta' Sħubija u Kooperazzjoni Komprensivi bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u r-Renju tat-Tajlandja, min-naħa l-oħra, kif ukoll il-Ftehim Qafas ta' Sħubija u Kooperazzjoni Komprensivi bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Renju tat-Tajlandja, min-naħa l-oħra (11898/22 + ADD1).
6. Fid-19 ta' Settembru 2022, il-COASI qabel li jstieden lill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti biex japprova t-testi.
7. Fid-dawl ta' dan t'hawn fuq, u soġġett għall-konferma mill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti, il-Kunsill huwa mistieden:
 - jadotta d-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar tal-ftehim, kif iffinalizzata mill-ġuristi lingwisti u kif tinsab fid-dokumenti 11909/22 u 11910/22;

- jinnota li l-Parlament Ewropew ser jiġi informat f'konformità mal-Artikolu 218(10) TFUE u li d-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar ser tintbagħat lill-Parlament Ewropew;
- jiddeċiedi li jibgħat l-abbozz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-ftehim, kif iffinalizzat mill-ġuristi lingwisti u kif jinsab fid-dokumenti 11908/22 u 11910/22, lill-Parlament Ewropew għall-approvazzjoni tiegħu.
